SENTENZA TAL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (It-Tmien Awla)

1 ta' Lulju 2009 *

Fil-Kawża T-288/06,

**Regionalny Fundusz Gospodarczy S.A.** (li qabel kienet Huta Częstochowa S.A.), stabbilita f'Częstochowa (il-Polonja), irrappreżentata minn C. Sadkowski u D. Sałajewski, avukati,

rikorrenti

vs

**Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,** irrappreżentata minn C. Giolito u A. Stobiecka-Kuik, bħala aġenti,

konvenuta

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/937/KE tal-5 ta' Lulju 2005, dwar l-għajnuna mill-Istat C 20/04 (ex NN 25/04)

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

mogħtija lill-produttur tal-azzar Huta Częstochowa S.A. (ĠU 2006, L 366, p. 1), sa fejn tiddikjara inkompatibbli mas-suq komuni ċerta għajnuna u li tordna lir-Repubblika tal-Polonja tipproċedi għall-irkupru tagħha,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA
TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ (It-Tmien Awla),

komposta minn E. Martins Ribeiro, President, S. Papasavvas u A. Dittrich (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: K. Pocheć, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-4 ta' Settembru 2008,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

**Il-kuntest ġuridiku**

1 Skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 2 dwar prodotti tal-KEFA għall-Ftehim tal-Ewropa, tas-16 ta' Diċembru 1991, li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet

Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa, u r-Repubblika tal-Polonja min-naħa l-oħra (ĠU 1993, L 348, p. 2; iktar 'il quddiem il-"Protokoll Nru 2"):

"1. Dawn li ġejjin m'għandhomx ikunu kompatibbli mal-funzjonament xieraq ta' dan il-Ftehim, sa fejn jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Komunità u l-Polonja:

[…]

iii) għajnuna pubblika f'kull forma li tkun ħlief għal derogi permessi bis-saħħa tat-Trattat KEFA.

[…]

4. Il-Partijiet Kontraenti jirrikonoxxu li matul l-ewwel ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, u b'deroga mill-paragrafu 1 (iii) ta' dan l-Artikolu, [ir-Repubblika tal-]Polonja tista' eċċezzjonalment, fir-rigward tal-prodotti 'tal-azzar KEFA', tagħti għajnuna pubblika għall-iskopijiet ta' restrutturazzjoni, sakemm:

— il-programm tar-ristrutturar huwa marbut ma' razzjonalizzazzjoni globali u tnaqqis tal-kapaċità ta' produzzjoni sħiħa fil-Polonja,

— din twassal għall-vijabilità tal-azjendi benefiċjarji taħt il-kondizzjonijiet normali tassuq mat-tmiem tal-perijodu ta' ristrutturazzjoni,

— l-ammont u l-intensità ta' din l-għajnuna jkunu limitati strettament għal dak li huwa assolutament neċessarju sabiex terġa' tinkiseb din il-vijabilità u jitnaqqsu progressivament.

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jiddeċiedi, b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tar-[Repubblika] tal-Polonja, il-possibbiltà li t-terminuta' ħames snin previst jiġi estiż".

2 Id-Deċiżjoni Nru 3/2002 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Polonja, tat-23 ta' Ottubru 2002, fir-rigward ta' estensjoni tal-perijodu stabbilit fl-Artikolu 8(4) tal-Protokoll Nru 2 (ĠU 2003, L 186, p. 38) ipproroga bi tmien snin adizzjonali li jibdew jiddekorru mill-1 ta' Jannar 1997, sad-data tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Polonja mal-Unjoni Ewropea, il-perijodu li fih ir-Repubblika tal-Polonja kienet awtorizzata eċċezzjonalment, f'dak li jirrigwarda l-prodotti tal-"azzar", tagħti għajnuna pubblika għar-ristrutturazzjoni skont il-modalitajiet previsti fl-Artikolu 8(4) tal-Protokoll Nru 2. L-Artikolu 2 tagħha jipprovdi:

"Ir-[Repubblika tal-]Polonja għandha tissottometti lill-Kummissjoni […] programm ta' ristrutturar u pjanijiet ta' ħidma li jissodisfaw ir-rekwiżiti elenkati fl-Artikolu 8(4) tal-Protokoll [Nru] 2, u li ġew stmati u aċċettati mill-awtorità tagħha tal-għajnuna mill-Istat (Uffiċċju għall-Kompetizzjoni u għall-protezzjoni tal-konsumaturi)."

3 Il-Protokoll Nru 8 fuq ir-ristrutturazzjoni tal-industrija tal-azzar Pollakka anness mal-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-

Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU 2003, L 236, p. 948; iktar 'il quddiem il-"Protokoll Nru 8") awtorizza lir-Repubblika tal-Polonja, b'deroga mir-regoli ġenerali dwar l-għajnuna mill-Istat, tagħti għajnuna għar-ristrutturazzjoni tas-settur tal-azzar tagħha fuq il-bażi tal-modalitajiet stabbiliti fil-pjan ta' ristrutturazzjoni u l-kundizzjonijiet f'dan il-Protokoll. Jipprovdi b'mod partikolari:

"1. minkejja l-Artikoli 87 [KE] u 88 [KE], l-għajnuna Statali mogħtija mir-[Repubblika tal-]Polonja għall-iskopijiet ta' ristrutturar ta' partijiet speċifiċi ta' l-industrija ta' l-azzar tal-Polonja għandha ti[t]qies bħala kompatibbli mas-suq komuni sakemm:

— il-perijodu li jipprovdi għalih l-Artikolu 8(4) tal-Protokoll Nru. 2, […] ġie estiż sad-data ta' l-adeżjoni,

— it-termini stipulati mill-pjan tar-ristrutturar li abbazi tiegħu ġie estiż il-Protokoll imsemmi hawn fuq, jitħarsu matul il-perijodu 2002-2006,

— il-kondizzjonijiet stipulati minn dan il-Protokoll jitwettqu, u

— ma titħallas mill-Istat ebda għajnuna għal ristrutturar lill-industrija ta' l-azzar tal-Polonja wara d-data ta' l-adeżjoni.

2. […]

3. Huma biss il-kumpanniji li huma mniżżla fl-Anness 1 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-kumpanniji benefiċċjarji") li għandhom ikunu eliġibbli għall-għajnuna mogħtija mill-Istat fil-qafas tal-programm Pollakk tar-ristrutturar ta' l-azzar.

4. Kumpannija benefiċċjarja ma tistax:

a) fil-każ ta' fużjoni ma' kumpannija li mhix imniżżla fl-Anness 1, tgħaddi l-benefiċċju ta' l-għajnuna mogħtija lill-kumpannija benefiċċjarja;

b) tassumi l-assi ta' xi kumpannija li mhix inkluża fl-Anness 1 li hi dikjarata falluta fil-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2006.

5. […]

6. L-għajnuna għar-ristrutturar mogħtija lill-kumpanniji benefiċċjarji għandha tiġi determinita abbażi tal-ġustifikazzjonijiet stipulati fil-pjan approvat tal-Polonja għar-ristrutturar ta' l-azzar u fil-pjanijiet ta' negozju individwali kif approvati mill-Kunsill. Iżda f'kull każ l-għajnuna mħallsa matul il-perijodu 1997-2003 u l-ammont globali tagħha ma għandhomx jaqbżu s-somma ta' PLN 3 387 070 000.

[…]

L-ebda għajnuna oħra mill-Istat ma għandha tingħata [mir-Repubblika tal-Polonja] għal skopijiet ta' ristrutturar ta' l-industrija ta' l-azzar tal-Polonja.

[…]

10. Kull bidla sussegwenti fil-pjan globali tar-ristrutturar u l-pjanijiet individwali għandu jkollha l-kunsens tal-Kummissjoni, u fejn ikun il-każ, tal-Kunsill.

[…]

18. Jekk il-kontroll juri li:

[…]

ċ) matul il-perijodu ta' ristrutturar [ir-Repubblika tal-]Polonja tkun tat iżjed għajnuna mill-Istat li tkun nkompattibli lill-industrija ta' l-azzar u lill-kumpanniji benefiċċjarji b'mod partikolari,

l-arranġamenti transitorji li jinsabu f'dan il-Protokoll ikunu bla effett.

Il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi xierqa li jkunu jeħtieġu lil kull kumpannija konċernata tagħti lura kull għajnuna mogħtija bi ksur tal-kondizzjonijiet stipulati f'dan il-Protokoll."

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [88] tat-Trattat tal-KE (ĠU ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339) jipprovdi fl-Artikolu 7(5) tiegħu:

"Fejn il-Kummissjoni ssib li l-għajnuna notifikata m'hijiex kompatibbli mas-suq komuni, għandha tiddeċiedi li dik l-għajnuna m'għandhiex tiddaħħal fis-seħħ […]"

5 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004, li jimplementa r-Regolament Nru 659/1999 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 4, p. 3) jipprovdi fl-Artikolu 9 tiegħu:

"1. Sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'xi deċiżjoni speċifika ir-rata ta' imgħax li għandha tintuża għall-irkupru ta' għajnuna ta' l-Istat mogħtija bi ksur ta' l-Artikolu 88 (3) tat-Trattat għandha tkun rata perċentwali annwali ffissata għal kull sena kalendarja.

Din għandha tiġi kalkolata fuq il-bażi tal-medja tar-rati għal ħames snin ta' skambju bejn banek għal Settembru, Ottubru u Novembru tas-sena li tiġi qabel, miżjuda b'75 punt bażiku. F'każijiet debitament ġustifikati, l-Kummissjoni tista' żżid ir-rata b'aktar minn 75 punt bażiku fir-rigward ta' Stat Membru wieħed jew aktar.

[…]

4. Fin-nuqqas ta' data ta' min jorbot fuqha jew ekwivalenti jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali l-Kummissjoni tista', b'ko-operazzjoni mill-qrib ma' l-Istat/iMembri/i konċernat/i, tiffissa rata ta' mgħax għall-irkupru ta' għajnuna ta' l-Istat, għal Stat Membru wieħed jew aktar, fuq il-bażi ta' metodu differenti u fuq il-bażi ta' informazzjoni disponibbli lilha."

6 F'dak li jirrigwarda l-modalitajiet ta' applikazzjoni tar-rata ta' interessi, l-Artikolu 11(2) ta' dan ir-regolament jippreċiża:

"Ir-rata ta' mgħax għandha tiġi applikata fuq bażi kompost sad-data tal-irkupru ta' l-għajnuna. L-imgħax li jkiġġamma [jakkumula] fis-sena li tiġi qabel għandu jkun suġġett għall-mgħax f'kull sena li tiġi wara."

**Il-fatti li wasslu għall-kawża**

7 Il-kawża preżenti tirrigwarda operazzjoni ta' ristrutturazzjoni tal-produttur tal-azzar Pollakk Huta Częstochowa S.A. (iktar 'il quddiem "HCz"). Ir-ristrutturazzjoni ta' HCz seħħet bejn l-2002 u l-2005. Għal dan il-għan, l-assi ta' HCz kienu ġew ittrasferiti lil kumpanniji ġodda:

— fl-2002, Huta Stali Częstochowa sp. z o.o. (iktar 'il quddiem "HSCz") ġiet stabbilita sabiex tkompli l-produzzjoni tal-azzar ta' HCz. HSCz kriet l-installazzjonijiet ta' produzzjoni ta' HCz lill-amministrattur ġudizzjarju u impjegat il-parti l-kbira tal-ħaddiema. Il-kumpannija parent ta' HSCz kienet Towarzystwo Finansowe SILESIA Sp. z o.o., kumpannija miżmuma bi 100 % mit-Teżor Pollakk;

— fl-2004, ġew stabbiliti l-kumpanniji Majątek Hutniczy sp. z o.o. (iktar ’il quddiem “MH”) u Majątek Hutniczy Plus (iktar ’il quddiem “MH Plus”). L-ishma tagħhom kienu miżmuma b’100 % minn HCz. MH irċeviet l-assi tal-azzar ta’ HCz u MH Plus irċeviet ċerti assi oħra neċessarji għall-produzzjoni;

— l-assi mhux marbuta mal-produzzjoni (imsejħa “assi mhux siderurġiċi”) kif ukoll l-istabbiliment elettroenerġetiku Elsen ġew ittrasferiti lill-kumpannija Operator ARP sp. z o.o., kumpannija dipendenti fuq l-Agencja Rozwoju Przemysłu S.A. (aġenzija għall-iżvilupp industrijali miżmuma mit-Teżor Pollakk) sabiex jitħallas lura d-dejn pubbliku suġġett għar-ristrutturazzjoni (taxxi u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali).

8 B’ittra tad-19 ta’ Mejju 2004, il-Kummissjoni informat lir-Repubblika tal-Polonja li ddeċidiet tiftaħ il-proċedura ta’ investigazzjoni formali dwar l-għajnuna għar-ristrutturazzjoni mogħtija lill-produttur tal-azzar HCz. Din id-deċiżjoni ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta’ Awwissu 2004 (ĠU C 204, p. 6, iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni ta’ ftuħ”) fil-lingwa oriġinali (il-Pollakk), ippreċeduta b’sommarju fil-lingwi uffiċjali l-oħra. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet ikkonċernati kollha sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-fatti u l-analiżi ġuridika li jidhru fid-deċiżjoni ta’ ftuħ. Hija rċeviet xi osservazzjonijiet tar-Repubblika tal-Polonja u ta’ erba’ partijiet ikkonċernati.

9 Wara l-għeluq tal-proċedura, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li, bil-kontra tad-dubji inizjali, il-miżuri intiżi għar-ristrutturazzjoni ta’ HCz skont id-dispożizzjonijiet tal-Ustawa o pomocy publicznej dla przedsiębiorców o szczególnym znaczeniu dla rynku pracy (liġi fuq l-għajnuna pubblika għal impriżi ta’ importanza sinjifikattiva għas-suq tax-xogħol, tat-30 ta’ Ottubru 2002, Dz. U. Nru 213, pożizzjoni 1800, kif emendata), ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE. Minnaħa l-oħra, il-Kummissjoni qieset li HCz kienet ibbenefikat taħt diversi aspetti minn għajnuna mill-Istat fil-perijodu bejn l-1997 sal-2002. Il-Kummissjoni kkonkludiet li dan kien parzjalment kompatibbli mas-suq komuni iżda talbet rimbors għall-parti li hija qieset li kienet inkompatibbli mas-suq komuni, jiġifieri l-ammont ta’ PLN 19 699 452 (iktar ’il quddiem l-“għajnuna kkontestata”).

10 Fil-5 ta' Lulju 2005, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2006/937/KE, dwar l-għajnuna mill-Istat C 20/04 (ex NN 25/04) mogħtija lill-produttur tal-azzar Huta Częstochowa S.A. (ĠU 2006, L 366, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni"). L-Artikolu 3 tagħha jipprovdi:

"1. L-għajnuna mill-Istat mogħtija mir-[Repubblika tal-]Polonja lil [HCz] fl-ammont ta' PLN 19 699 452, waqt il-perijodu bejn l-1997 u Mejju 2002, taħt forma ta' għajnuna għall-funzjonament u għar-ristrutturazzjoni tal-impjieg, mhijiex kompatibbli mas-suq komuni.

2. Ir-[Repubblika tal-]Polonja għandha tieħu l-miżuri neċessarji kollha sabiex tirkupra mingħand [HCz], minn Regionalny Fundusz Gospodarczy, [minn MH] u [minn Operator ARP] l-għajnuna, indikata fil-paragrafu 1, mogħtija illegalment lil [HCz]. L-impriżi msemmija iktar 'il fuq huma marbuta *insolidum* għall-ħlas lura ta' din l-għajnuna.

L-irkupru għandu jseħħ mingħajr dewmien skont il-proċeduri tad-dritt nazzjonali, sa fejn dawn jippermettu l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva ta' din id-deċiżjoni. Is-somom li għandhom jiġu rkuprati jinkludu l-imgħax mid-data li fiha l-għajnuna ngħatat lil [HCz] sad-data tal-irkupru tagħhom. L-imgħax huwa kkalkolat skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tar-Regolament […] Nru 794/2004.

3. […]"

11 Skont ftehim tat-30 ta' Settembru 2005, li daħal fis-seħħ fis-7 ta' Ottubru 2005, ISD Polska sp. z o.o. (li kienet qed taġixxi taħt l-isem kummerċjali ZPD Steel sp. z o.o.; iktar 'il quddiem "ISD"), sussidjarja għal 100 % ta' Industrial Union of Donbass Corp., xtrat mingħand HCz l-ishma kollha ta' MH u ta' MH Plus, kif ukoll l-għaxar sussidjarji li kien għad fadal ta' HCz. Permezz ta' kuntratt tat-30 ta' Settembru, li daħal ukoll fis-seħħ fis-

7 ta' Ottubru 2005, ISD xtrat mingħand Towarzystwo Finansowe SILESIA l-ishma kollha ta' HSCz. ISD b'hekk saret il-proprjetarja ta' HSCz, ta' MH, ta' MH Plus u tal-għaxar sussidjarji ta' HCz.

12 Wara l-bejgħ, HCz bidlet l-isem kummerċjali tagħha sabiex tissejjaħ Regionalny Fundusz Gospodarczy S.A. (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti"). Ir-rikorrenti għadha kompletament miżmuma mit-Teżor Pollakk, iżda għandha biss xi proprjetà immobbli li mhux relatata mal-industrija tal-azzar.

13 B'ittra tas-17 ta' Frar 2006, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Pollakki jindikawlha r-rati ta' interessi għar-rimbors tal-għajnuna kkontestata mid-debituri *in solidum* imsemmija fl-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni. Fir-risposta tagħhom tat-13 ta' Marzu 2006, l-awtoritajiet Pollakki pproponew rati ta' interessi applikabbli għall-irkupru u metodoloġija għall-kalkolu tal-interessi. Huma pproponew b'mod partikolari li tittieħed bħala bażi, għall-perijodu bejn l-1997 sal-1999, ir-rata tal-bonds tat-Teżor Pollakk b'rata fissa, f'PLN, fuq ħames snin, u għal-perijodu bejn l-2000 sal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Polonja mal-Unjoni Ewropea, ir-rata ta' dawn l-istess bonds fuq għaxar snin. Barra minn hekk, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-swieq tal-kapital fil-Polonja f'dak iż-żmien, li kienet ikkaratterizzata minn rati għoljin ħafna, hija talbet li jseħħ aġġornament kull sena ta' dawn ir-rati u li l-interessi ma jiġux ikkalkolati fuq bażi komposta.

14 B'ittra tas-7 ta' Ġunju 2006, indirizzata lill-awtoritajiet Pollakki, il-Kummissjoni kkonstatat li r-rata ta' interessi applikabbli għall-irkupru tal-għajnuna kellha tkun, għall-perijodu kkonċernat kollu, ir-rata tal-bonds tat-Teżor Pollakk b'rata fissa, f'PLN, fuq ħames snin, u li, skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 794/2004, din ir-rata ta' interessi kellha tkun applikata fuq bażi komposta.

**Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet**

15 B'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fit-18 ta' Ottubru 2006, ir-rikorrenti ppreżentat dan ir-rikors.

16 B'att separat, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-istess ġurnata, ir-rikorrenti ppreżentat talba għal miżuri provviżorji, skont l-Artikolu 242 KE, intiż għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni. B'digriet tat-13 ta' Diċembru 2006, il-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħad din it-talba bħala inammissibbli.

17 Wara s-sostituzzjoni parzjali tal-membri tal-Qorti tal-Prim'Istanza, il-kawża ġiet assenjata lil Imħallef Relatur ġdid. Huwa wara ġie assenjat lit-Tmien Awla, u konsegwentement din il-kawża ġiet assenjata lilha.

18 Peress li r-rikorrenti ma ppreżentatx ir-replika tagħha fit-terminu stabbilit, li skada fis-16 ta' Marzu 2007, din ma ddaħlitx fil-proċess.

19 Fuq rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tmien Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali, li tagħmel xi mistoqsijiet bil-miktub lill-partijiet u li tistieden lill-Kummissjoni tippreżenta xi dokumenti. Il-partijiet irrispondew fit-terminu stabbilit.

20 It-trattazzjonijiet tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza nstemgħu fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2008.

21 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Prim'Istanza tannulla t-tieni paragrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni.

22 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli;

— sussidjarjament, tiċħad ir-rikors bħala infondat;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

**Id-dritt**

*Fuq l-ammissibbiltà*

— L-argumenti tal-partijiet

23 Il-Kummissjoni ssostni li, bi ksur tar-rekwiżiti fomali stabbliti fl-Artikolu 44(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, ir-rikorrenti ma ppreżentatx argu-

menti ċari u preċiżi insostenn tal-ilmenti tagħha, li kienu jippermettu lill-Kummissjoni tipprepara d-difiża tagħha, u lill-Qorti tal-Prim'Istanza tistħarreġ l-argumenti tagħha.

24 Sabiex issostni l-ilmenti tagħha, ir-rikorrenti ppreżentat biss tliet affermazzjonijiet ta' natura ġenerali. Il-kważi totalità tal-motivazzjoni tar-rikors jidher fis-sommarju tagħha ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

25 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li, meta jesponi motivi ta' annullament suffiċjentement ċari u preċiżi sabiex jippermettu lill-konvenut jiddefendi ruħu b'mod utli u preċiż u lill-Qorti Komunitarja teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha, rikors promotur jissodisfa l-ħtijiġijiet minimi imposti mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-17 ta' Marzu 1994, Hoyer vs Il-Kummissjoni, T-43/91, ĠabraSP p. I-A-91 u II-297, punt 22).

26 Konsegwentement, ma hemmx lok li jiġi ddikjarat inammissibbli rikors għan-nuqqas ta' rispett tal-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura, f'sitwazzjoni fejn ir-rikors jindika fil-qasir il-motivi inkwistjoni u fejn la l-konvenuta, li rrispondiet fid-difiża tagħha għall-argumenti ppreżentati, u lanqas il-Qorti Komunitarja ma tqiegħdet f'sitwazzjoni impossibbli sabiex tifhem l-argumenti żviluppati f'dan ir-rigward (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Ġunju 1994, Rijnoudt u Hocken vs Il-Kummissjoni, T-97/92 u T-111/92, ĠabraSP p. I-A-159 u II-511, punt 71).

27 Fil-kawża preżenti huwa minnu li r-rikors huwa lakoniku ħafna. Madankollu, jissodisfa r-rekwiżiti minimi msemmija iktar 'il fuq. Fil-fatt, kif jidher mill-argument sostanzjali

dwar il-bażi tal-kawża li jidher fid-difiża, ir-rikors ippermetta lill-Kummissjoni tiddefendi ruħha b'mod utli. Ippermetta wkoll lill-Qorti Komunitarja teżerċita l-istħarriġ ġuddizzjarju tagħha.

28 Konsegwentement, it-talba ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni għandha tiġi miċħuda.

*Fuq il-mertu*

29 Ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi bbażati fuq il-ksur tal-Artikoli 87 KE u 88 KE kif ukoll tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament Nru 659/1999, minn naħa, u l-ksur tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament Nru 794/2004, min-naħa l-oħra.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 87 KE u 88 KE kif ukoll tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament Nru 659/1999

— L-argumenti tal-partijiet

30 Ir-rikorrenti ssostni li l-Artikoli 87 KE u 88 KE, kif ukoll l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 659/1999, f'żewġ każijiet biss jawtorizzaw l-adozzjoni ta' Deċiżjoni li tikkonstata n-nuqqas ta' kompatibbiltà mas-suq komuni ta' għajnuna mogħtija minn Stat Membru: minn naħa, fil-każ fejn l-għajnuna tkun ingħatat wara l-adeżjoni tal-Istat Membru mal-Unjoni Ewropea u, min-naħa l-oħra, fil-każ fejn l-għajnuna, minkejja li tkun ingħatat qabel l-adeżjoni tal-Istat Membru mal-Unjoni Ewropea, tkun għada applikabbli wara d-data tal-adeżjoni.

31 Peress li r-Repubblika tal-Polonja ngħaqdet mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 u li d-deċiżjoni li tingħata l-għajnuna lil HCz bejn l-1997 u l-2002 ma bagħqetx tapplika wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Polonja, il-Kummissjoni ma kellhiex id-dritt, skont ir-rikorrenti, tevalwa jekk l-għajnuna kkontestata kinitx jew le kompatibbli mas-suq komuni, u, għaldaqstant, hija ma kinitx awtorizzata tippronunċja ruħha fuq il-kalkolu tal-interessi għall-perijodu ta' bejn il-ġurnata li fiha ngħatat l-għajnuna lil HCz u l-irkupru effettiv tagħha. Il-Kummissjoni setgħat biss timponi l-obbligi ta' rimbors tal-interessi mit-2 ta' Mejju 2004 (ġurnata wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni) sal-ġurnata ta' ħlas effettiv.

32 L-għajnuna mogħtija mir-Repubblika tal-Polonja għall-perijodu bejn l-1997 u l-2002 ma setgħatx tinfluwenza l-kummerċ intra-Komunitarju, peress li kkonċernaw is-suq ta' Stat, li, fid-data li fiha ngħatat l-għajnuna kkontestata, ma kienx membru tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, skont ir-rikorrenti, il-Protokoll Nru 8 ma jsemmix lil HCz fl-Anness 1 tiegħu, fis-sens li l-parti l-kbira tad-dispożizzjonijiet tiegħu ma jirrigwardawhiex. Fl-aħħar nett, il-Protokoll Nru 8 ma jestendix il-kontroll tal-Kummissjoni għas-snin li jmorru qabel l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Polonja.

33 Preliminarjament, il-Kummissjoni tenfasizza li hija ma tarax ir-relazzjoni bejn it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni u l-ilmenti msemmija. Barra minn hekk, hija tirrifjuta l-argumenti tar-rikorrenti.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

34 Preliminarjament, hemm lok li tiġi kkjarifikata r-relazzjoni bejn l-ewwel motiv u t-talbiet ippreżentati mir-rikorrenti, li jirrigwardaw biss it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni.

35 Fil-fatt, minn naħa, ir-rikorrenti ssostni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 87 KE u 88 KE ma ġewx issodisfatti, peress li fiż-żmien meta seħħew il-fatti, ir-Repubblika tal-Polonja ma kinitx membru tal-Unjoni Ewropea u l-Protokoll Nru 8 ma kienx applikabbli. Għaldaqstant, hija tikkontesta essenzjalment l-applikabbiltà *ratione temporis* u *ratione personae* tar-regoli Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat.

36 Min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' kompatibbiltà mas-suq komuni tal-għajnuna kkontestata ġiet ikkonstatata fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni filwaqt li l-unika dispożizzjoni kkontestata mir-rikorrenti, jiġifieri t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3 (2) tad-Deċiżjoni, tirrigwarda biss il-kalkolu tal-interessi.

37 Għaldaqstant, waqt is-seduta, ir-rikorrenti ntalbet tikkjarifika l-portata tar-rikors tagħha u tat-talbiet tagħha. B'risposta għal din it-talba, hija indikat, essenzjalment, li l-ewwel motiv tagħha kien intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni fit-totalità tagħha. Madankollu, "minħabba raġunijiet politiċi", l-amministrazzjoni tagħha kienet iddeċiediet li titlob li, fil-każ fejn dan il-motiv jintlaqa', l-annullament tad-Deċiżjoni jkun limitat għad-dispożizzjoni li tirrigwarda l-interessi, jiġifieri t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3 (2) tad-Deċiżjoni.

38 Għaldaqstant, l-ewwel motiv għandu jinftiehem fis-sens li huwa intiż biss għall-annullament tal-interessi dovuti għall-perijodu qabel l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Polonja mal-Unjoni Ewropea.

39 L-ewwel nett, fir-rigward tal-applikabbiltà *ratione temporis* tar-regoli Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat, huwa stabbilit fost il-partijiet li, bħala prinċipju, l-Artikoli 87 KE u 88 KE mhumiex applikabbli għall-għajnuna mogħtija qabel l-adeżjoni li mhumiex iktar applikabbli wara l-adeżjoni.

40 Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq il-Protokoll Nru 8 bħala *lex specialis* sabiex tiġġustifika l-kompetenza tagħha. Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Nru 8 jippermettux lill-Kummissjoni testendi l-kontroll tagħha fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat għall-għajnuna kkontestata u jekk jikkostitwixxux bażi ġuridika suffiċjenti għall-projbizzjoni ta' din l-għajnuna.

41 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-Protokoll Nru 8 jirreferi għall-għajnuna mogħtija bejn l-1997 sal-2003. Huwa jawtorizza ammont limitat ta' għajnuna għar-ristrutturazzjoni, mogħtija għal dan il-perijodu (jiġifieri qabel l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Polonja mal-Unjoni Ewropea) lil ċerti impriżi msemmija fl-Anness I tiegħu u jipprojbixxi, inkambju, kull għajnuna mill-Istat għar-ristrutturazzjoni lill-industrija tal-azzar.

42 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 8 jipprovdi, b'mod partikolari, li f'kull każ, l-ammont totali tal-għajnuna mħallsa waqt il-perijodu bejn l-1997 sal-2003 ma għandux jaqbeż PLN 3 387 070 000. It-tielet paragrafu tal-punt 6 tal-Protokoll Nru 8 jippreċiża li ebda għajnuna oħra ma tista' tingħata mir-Repubblika tal-Polonja għar-ristrutturazzjoni tal-industrija tal-azzar Pollakka. Għaldaqstant, bil-kontra tal-affermazzjonijiet tar-rikorrenti, l-applikazzjoni retroattiva tal-Protokoll Nru 8 hija stabbilita fil-punt 6 tieghu, li jsemmi l-perijodu bejn l-1997 u l-2003.

43 Konsegwentement, jirriżulta mill-kliem stess tal-Protokoll Nru 8 li dan huwa applikabbli għall-għajnuna mogħtija qabel l-adeżjoni. Fil-fatt, l-għan tal-Protokoll Nru 8 kien li jistabbilixxi sistema komprensiva għall-awtorizzazzjoni ta' għajnuna intiża għar-ristrutturazzjoni tal-industrija tal-azzar Pollakka, u mhux biss li jevita kumulu ta' għajnuna mill-impriżi benefiċjarji.

44 Isegwi li l-Protokoll Nru 8 jirrapreżenta *lex specialis* fil-konfront tal-Artikoli 87 KE u 88 KE li jestendi l-kontroll fuq l-għajnuna mill-Istat imwettaq mill-Kummissjoni skont it-Trattat KE għall-għajnuna mogħtija għar-riorganizzazzjoni tal-industrija tal-azzar Pollakka waqt il-perijodu bejn l-1997 u l-2003.

45 It-tieni nett, f'dak li jirrigwarda l-argument dwar l-applikabbiltà *ratione personae* tal-Protokoll Nru 8, li jipprovdi li dan tal-aħħar mhuwiex intiż għall-impriżi mhux imniżżla fl-Anness 1 tiegħu, għandu jiġi kkonstatat li dan il-protokoll jirrigwarda l-industrija tal-azzar Pollakka fit-totalità tagħha, li tinkludi neċessarjament lir-rikorrenti. Fil-fatt, mhux biss it-tielet paragrafu tal-punt 6 tal-Protokoll Nru 8 jimponi ammont totali għall-għajnuna u jeskludi kull għajnuna barra minnha, iżda l-punt 3 tiegħu jiddisponi b'mod espliċitu li huma biss l-impriżi elenkati fl-Anness 1 (impriżi benefiċjarji) li jistgħu jibbenefikaw mill-għajnuna mill-Istat fil-kuntest tal-programm ta' ristrutturazzjoni tal-industrija tal-azzar Pollakka. Jekk jiġi ammess li impriża mhux imniżżla fl-Anness 1 tista' żżomm ammonti illimitati ta' għajnuna għar-ristrutturazzjoni rċevuti qabel l-adeżjoni mingħajr ma jitnaqqsu inkambju l-kapaċitajiet ta' produzzjoni, il-Protokoll Nru 8 jiċċaħħad mis-sens kollu tiegħu.

46 Fl-aħħar nett, sa fejn ir-rikorrenti tikkontesta d-dispożizzjonijiet li jidhru fil-Protokoll Nru 8, ir-rikors huwa inammissibbli, peress li d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Nru 8 jaqgħu taħt il-liġi primarja.

47 Konsegwentement, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament Nru 794/2004

— L-argumenti tal-partijiet

48 Ir-rikorrenti tilmenta li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx, fid-Deċiżjoni, rata ta' interessi applikabbli għall-irkupru tal-għajnuna kkontestata. Fin-nuqqas ta' interbank swap rates fuq ħames snin fil-Polonja qabel ma din tal-aħħar ingħaqdet mal-Unjoni Ewropea, kellu jiġi konkluż ftehim bejn il-Kummissjoni u r-Repubblika tal-Polonja fuq dan il-punt skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament Nru 794/2004. Tali ftehim

kellu jirriżulta mid-Deċiżjoni jew minn deċiżjoni oħra tal-Kummissjoni, peress li huwa l-uniku mod li jippermetti lill-operaturi marbuta bi rimbors ta' għajnuna biex jibdew kawża fuq il-mertu mal-korpi li jiffissaw l-interessi.

49 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

50 Sa fejn ir-rikorrenti tikkontesta l-metodu ta' kalkolu tal-interessi fid-Deċiżjoni, hemm lok li jiġi rrilevat li l-konstatazzjonijiet fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni huma ta' natura purament dikjaratorja, peress li sempliċement jirriferu għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu V tar-Regolament Nru 794/2004. Fil-fatt, il-metodu ta' kalkolu tal-interessi jirriżulta mir-Regolament Nru 794/2004 stess. Issa r-rikorrenti ma tqajjem ebda eċċezzjoni ta' illegalità fir-rigward ta' dan ir-regolament.

51 F'dak li jirrigwarda l-allegata neċessità ta' ftehim bejn il-Kummissjoni u r-Repubblika tal-Polonja, għandu jiġi rrilevat li, fil-premessa 147 tad-Deċiżjoni, il-Kummissjoni kkontestat b'mod espliċitu li peress li interbank swap rates fuq ħames snin ma eżistewx fil-Polonja għall-perijodu bejn l-għoti tal-għajnuna kkontestata, ir-rata ta' interessi applikabbli għall-irkupru tagħha kellha tiġi bbażata, skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament Nru 794/2004, fuq ir-rata ta' interessi disponibbli li għandu jiġi kkunsidrat bħala adatt għal dan il-perijodu.

52 Issa, l-Artikolu 9(4) tar-Regolament Nru 794/2004 jipprovdi biss li l-iffissar tar-rata ta' interessi applikabbli għall-irkupru għandha titwettaq b'"kooperazzjoni stretta" mal-Istat Membru kkonċernat iżda ma teżiġix "ftehim".

53 F'dan ir-rigward, il-korrispondenza bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Pollakki, bħal dik ippreżentata fuq talba tal-Qorti tal-Prim'Istanza turi li l-iffissar tar-rata applikabbli għall-irkupru tal-għajnuna kkontestata seħħet effettivament b'"kooperazzjoni stretta" mar-Repubblika tal-Polonja. Fil-fatt, fl-ittra tagħhom tat-13 ta' Marzu 2006, l-awtoritajiet Pollakki pproponew bħala rata ta' interessi għall-irkupru r-rati tal-bonds tat-Teżor rispettivament fuq ħames u għaxar snin. Barra minn hekk, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-swieq tal-kapitali tal-Polonja f'dak iż-żmien, li kienet ikkaratterizzata minn rata għolja ħafna iżda li kienet qed tonqos b'mod mgħaġġel, hija talbet li dawn ir-rati jiġu aġġornati darba fis-sena u li l-interessi ma jiġux ikkalkolati fuq bażi komposta.

54 Il-Kummissjoni aċċettat is-sustanza ta' dawn il-proposti. Huwa minnu li hija qieset li, għal raġunijiet ta' koerenza, minflok ma tuża żewġ rati differenti, kienet biss ir-rata fuq il-bonds fuq ħames snin li kellha tiġi applikata fil-kors tal-perijodu kollu bejn l-1997 u l-2004. Madankollu, meta tiffissa r-rata applikabbli skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament Nru 794/2004, il-Kummissjoni tiddisponi minn ċerta setgħa diskrezzjonali. Għaldaqstant, l-għażla ta' rata unika ma tistax tiġi kkontestata mir-rikorrenti.

55 Fir-rigward tal-metodu ta' applikazzjoni tal-interessi u b'mod partikolari tal-kalkolu tal-interessi fuq bażi komposta, huwa minnu li l-Kummissjoni ċaħdet l-argument tar-Repubblika tal-Polonja dwar l-interessi fuq l-interessi. Issa, l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 794/2004 jippreċiża b'mod espliċitu li r-rata ta' interessi għandha tiġi applikata fuq bażi komposta sad-data tal-irkupru tal-għajnuna u li l-interessi akkumulati fis-sena li tiġi qabel għandhom jkunu suġġetti għall-interessi f'kull sena li tiġi wara. Barra minn hekk, l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 794/2004 jipprovdi li l-Artikoli 9 u 11 tiegħu huma applikabbli għal kull deċiżjoni nnotifikata wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament. Ir-Regolament Nru 794/2004 daħal fis-seħħ f'Mejju 2004, u għaldaqstant kien applikabbli waqt l-adozzjoni tad-Deċiżjoni, b'mod li l-Kummissjoni kienet marbuta titlob li l-interessi jiġu kkalkolati fuq bażi komposta.

56 F'dawn iċ-ċirkustanzi u fid-dawl tal-fatt li l-awtoritajiet Pollakki kienu pproponew rati ta' referenza kkontestati, ma jistax jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni kisret l-obbligu

tagħha li tistabbilixxi rata ta' interessi applikabbli għar-rimbors tal-għajnuna kkontestata b'kooperazzjoni stretta mar-Repubblika tal-Polonja jew li kienet wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni.

57 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata tindika fid-Deċiżjoni r-rata ta' interessi applikabbli għall-irkupru tal-għajnuna kkontestata, peress li lanqas ma kienet obbligata tiddentifika b'mod preċiż l-ammont prinċipali tal-għajnuna li tista' tiġi rkuprata u setgħet tindika sempliċement il-metodi li kienu jippermettu lill-Istat Membru jikkalkola l-għajnuna [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-31 ta' Mejju 2006, Kuwait Petroleum (Il-Pajjiżi l-Baxxi) vs Il-Kummissjoni, T-354/99, Ġabra p. II-1475, punt 67, u l-ġurisprudenza ċċitata].

58 Isegwi li l-motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament Nru 794/2004 għandu jiġi miċħud.

59 Għaldaqstant, peress li l-motivi kollha tar-rikorrenti ġew miċħuda, hemm lok li jiġi miċħud ir-rikors fit-totalità tiegħu.

**Fuq l-ispejjeż**

60 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-rikorrenti tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż, skont it-talbiet tal-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (It-Tmien Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

**1) Ir-rikors huwa miċħud.**

**2) Regionalny Fundusz Gospodarczy S.A. hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Martins Ribeiro Papasavvas Dittrich

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-1 ta' Lulju 2009.

Firem

# Werrej

Il-kuntest ġuridiku . . . . . II - 2251

Il-fatti li wasslu għall-kawża . . . . . II - 2258

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet . . . . . II - 2262

Id-dritt . . . . . II - 2263

Fuq l-ammissibbiltà . . . . . II - 2263

— L-argumenti tal-partijiet . . . . . II - 2263

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza . . . . . II - 2264

Fuq il-mertu . . . . . II - 2265

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 87 KE u 88 KE kif ukoll tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament Nru 659/1999 . . . . . II - 2265

— L-argumenti tal-partijiet . . . . . II - 2265

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza . . . . . II - 2266

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament Nru 794/2004 . . II - 2269

— L-argumenti tal-partijiet . . . . . II - 2269

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza . . . . . II - 2270

Fuq l-ispejjeż . . . . . II - 2272